MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2007

Talba Numru. 536/2007

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Christopher Schembri**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas fl-ammont ta’ erba’ mija u tmien liri Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm408.37) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenut in konnessjoni ma’ mobile phone bin-numru 99438661.

Il-konvenut interpellat diversi drabi baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Ra n-Nota ta’ Ammissjoni pprezentata mill-konvenut fit-3 t’Ottubru, 2007.

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif dedotta bl-ispejjez u bl-interessi kif mitluba

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------